Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 105/21**
Il-Lussemburgu, 17 ta' Ġunju 2021

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-597/19
M.I.C.M.

# Ir-reġistrazzjoni sistematika ta' indirizzi IP ta' utenti u l-komunikazzjoni tal-ismijiet u l-indirizzi postali tagħhom lid-detentur ta' drittijiet intellettwali jew lil terz sabiex ikun jista' jiġi ppreżentat rikors għad-danni huma ammissibbli taħt ċerti kundizzjonijiet

*It-talba għal informazzjoni minn detentur ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali ma tistax tkun abbużiva u għandha tkun iġġustifikata u proporzjonata*

L-impriża Mircom International Content Management & Consulting (M.I.C.M.) Limited (iktar 'il quddiem "Mircom") ressqet talba għal informazzjoni kontra Telenet BVBA, fornitur tal-aċċess għall-internet, quddiem l-Ondernemingsrechtbank Antwerpen (il-Qorti tal-Impriżi ta' Antwerpen, il-Belġju). Din it-talba hija intiża sabiex tinkiseb deċiżjoni li tobbliga lil Telenet tipproduċi d-data ta' identifikazzjoni tal-klijenti tagħha abbażi tal-indirizzi IP miġbura, minn kumpannija speċjalizzata, għan-nom ta' Mircom. Il-konnessjonijiet internet tal-klijenti ta' Telenet intużaw sabiex jiġu kondiviżi films li jagħmlu parti mill-katalogu ta' Mircom, fuq network peer-to-peer bl-għajnuna tal-protokoll BitTorrent. Telenet qed topponi din it-talba ta' MircomHuwa f'dan il-kuntest li l-qorti tar-rinviju, l-ewwel nett, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-kondiviżjoni ta' segmenti ta' fajl tal-media li jinkludi xogħol protett fuq l-imsemmi network jikkostitwixxix komunikazzjoni lill-pubbliku skont id-dritt tal-Unjoni. Sussegwentement, hija staqsiet jekk id-detentur ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali, bħal Mircom, li ma jużahomx, iżda jitlob danni lill-persuni li allegatament ikunu wettqu ksur, jistax jibbenefika mill-miżuri, mill-proċeduri u mir-rimedji previsti mid-dritt tal-Unjoni sabiex jiżgura r-rispett ta' dawn id-drittijiet, pereżempju billi jitlob informazzjoni. Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju stiednet lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċċara l-kwistjoni tal-legalità, minn naħa, tal-mod kif l-indirizzi IP tal-klijenti nġabru minn Mircom u, min-naħa l-oħra, tal-komunikazzjoni tad-data mitluba minn Mircom mingħand Telenet.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ssostni, l-ewwel nett, li tlugħ ta' segmenti ta' fajl tal-media fuq network peer-to-peer, bħal dak inkwistjoni, jikkostitwixxi tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fis-sens tad-dritt tal-Unjoni [1]. It-tieni nett, detentur ta' drittijiet ta' proprjetà intelletwali bħal Mircom jista' jibbenefika mis-sistema ta' protezzjoni ta' dawn id-drittijiet, iżda t-talba tiegħu għal informazzjoni, b'mod partikolari, għandha tkun mhux abbużiva, iġġustifikata u proporzjonata [2]. It-tielet nett, ir-reġistrazzjoni sistematika ta' indirizzi IP tal-utenti ta' tali network u l-komunikazzjoni tal-ismijiet u l-indirizzi postali tagħhom lil dan id-detentur jew lil terz sabiex ikun jista' jiġi ppreżentat rikors għad-danni huma ammissibbli taħt ċerti kundizzjonijiet partikolari [3].

## Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

---

[1] Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).
[2] Artikoli 3(2) u 8 tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 32).
[3] Il-punt (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2), moqri flimkien mal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 11, rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 10).

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja, li diġà tat deċiżjoni dwar il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" fil-kuntest tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur, tiċċara li t-tlugħ tas-segmenti, imniżżla preċedentement, ta' fajl tal-media li jinkludi xogħol protett li juża network peer-to-peer jikkostitwixxi "tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' xogħol", minkejja li dawn is-segmenti ma humiex utilizzabbli fihom infushom u li t-tlugħ jiġi ġġenerat awtomatikament, meta l-utent ikun abbona għas-software ta' kondiviżjoni client-BitTorrent filwaqt li jkun ta l-kunsens għall-applikazzjoni tiegħu wara li jkun debitament informat bil-karatteristiċi tiegħu.

Għandu jiġi ppreċiżat li kull utent tal-imsemmi network jista' faċilment jikkostitwixxi mill-ġdid il-fajl oriġinali minn segmenti disponibbli fuq il-kompjuters tal-utenti l-oħra. Issa, billi jniżżel is-segmenti ta' fajl, fl-istess ħin iqiegħdhom għad-dispożizzjoni sabiex jittellgħu minn utenti oħra. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-utent ma għandux effettivament iniżżel livell minimu ta' segmenti u li kull att li permezz tiegħu jagħti, b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi tal-aġir tiegħu, aċċess għal xogħlijiet protetti jista' jikkostitwixxi att ta' tqegħid għad-dispożizzjoni. Fil-każ ineżami, dan huwa fil-fatt att bħal dan, peress li jirrigwarda numru indeterminat ta' destinatarji potenzjali, jinvolvi numru pjuttost kbir ta' persuni u jseħħ fir-rigward ta' pubbliku ġdid. Din l-interpretazzjoni hija intiża sabiex jinżamm il-bilanċ ġust bejn l-interessi u d-drittijiet fundamentali tad-detenturi tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, minn naħa, u tal-utenti ta' materjal protett, min-naħa l-oħra.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-detentur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, bħal Mircom, li kiseb dawn id-drittijiet permezz ta' trasferiment ta' krediti u li ma jużahomx, iżda jipprova jitlob danni mingħand persuni li allegatament ikunu wettqu ksur, jista' jibbenefika, bħala prinċipju, mill-miżuri, mill-proċeduri u mir-rimedji previsti mid-dritt tal-Unjoni, sakemm it-talba tiegħu ma tkunx abbużiva. Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li l-konstatazzjoni eventwali ta' tali abbuż taqa' taħt l-evalwazzjoni tal-qorti tar-rinviju, li tista' pereżempju tivverifika, għal dan il-għan, jekk l-azzjonijiet ġudizzjarji effettivament tressqux fil-każ ta' rifjut ta' soluzzjoni bonarja. Fir-rigward, b'mod partikolari, ta' talba għal informazzjoni, bħal dik ta' Mircom, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li din ma tistax titqies li hija inammissibbli minħabba l-fatt li hija fformulata f'fażi prekontenzjuża. Madankollu, din it-talba għandha tiġi miċħuda jekk hija ma tkunx iġġustifikata u mhux proporzjonata, ħaġa li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju. Permezz ta' din l-interpretazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tfittex li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-proprjetà intellettwali fis-suq intern.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li d-dritt tal-Unjoni la jipprekludi, bħala prinċipju, ir-reġistrazzjoni sistematika, mid-detentur ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew minn terz f'ismu, ta' indirizzi IP ta' utenti tan-networks peer-to-peer li l-konnessjonijiet internet tagħhom allegatament ikunu ntużaw f'attivitajiet ta' kontrafazzjoni (ipproċessar tad-data upstream), u lanqas il-komunikazzjoni tal-ismijiet u tal-indirizzi postali tal-utenti lil dan id-detentur jew għal terz għall-finijiet ta' rikors għad-danni (ipproċessar tad-data downstream). Madankollu, l-inizjattivi u t-talbiet f'dan ir-rigward għandhom ikunu ġġustifikati, proporzjonati, mhux abbużivi u previsti minn miżura leġiżlattiva nazzjonali li tillimita l-portata tad-drittijiet u tal-obbligi li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li dan tal-aħħar ma jistabbilixxix l-obbligu għal kumpannija bħal Telenet li tikkomunika lil persuni privati d-data personali sabiex ikunu jistgħu jinbdew, quddiem il-qrati ċivili, proċeduri kontra l-ksur tad-drittijiet tal-awtur. Madankollu, id-dritt tal-Unjoni jippermetti lill-Istati Membri jimponu tali obbligu.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106.*